MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1203/2009

**Roderick u Dorianne nee' Cassar, konjuġi Azzopardi bħala kuraturi tal-minuri binhom Elten Azzopardi**

**-vs-**

**Id-Direttur tad-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi nhar l-4 ta' Settembru 2009, miż-żwieġ tagħhom twieled il-minuri bl-isem ta' Elton;

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ġie rreġistrat fl-atti tat-Twelid numru 3040/2009, (kopja annessa u mmarkata Dok. EA 1).

Illi l-isem li l-esponenti riedu jagħtu lill-minuri, huwa ‘Elton’, u mhux ‘Elten’ kif ġie rreġistrat.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu rwieħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, fis-sens illi fil-kolonna intestata ‘Isem il-Wild – *‘Name of the Child’* l-isem ‘Elten’, jiġi sostitwit bl-isem ‘Elton’.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Jiġi dikjarat illi l-isem li bih il-minuri kien konsistentement magħruf kien ‘Elton’ u mhux ‘Elten’ kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu;

2. Tordna lill-intimat sabiex fl-Att tat-Twelid numru 3040/2009, fil-kolonna intestata ‘Isem il-Wild – *‘Name of the Child’* minflok l-isem ‘Elten’ iniżżel ‘Elton’, u dan *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta; u

3. Tordna wkoll lill-intimat sabiex, in segwitu, jottempora ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ppreżentata fit-12 ta’ Jannar, 2010 li permezz tagħha l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett:

1. Illi vena preliminari huwa meħtieġ li tal-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent jopponi għat-talbiet attriċi u dan għaliex kuntrarjament għal dak

allegat mir-rikorrenti nomine fil-korp tar-rikors ġuramentat tagħhom m'huwiex minnu li seħħ żball waqt ir-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri Elten Azzopardi. In fatti jekk wieħed iħares lejn Sezzjoni 'C' tan-notifikazzjoni tat-twelid tat-tarbija Elten magħmula fl-Isptar Mater Dei tal-Qroqq (Dok. DRP1) wieħed jista' jinnota li l-omm, Dorianne Azzopardi, kienet kitbet *di proprio pugno* li l-isem li għażlet għat-tarbija tagħha kien ezattament dak ta' Elten. Sussegwentement l-isem Elten kien ukoll ġie kkonfermat din id-darba mill-missier Roderick Azzopardi, bil-firma tiegħu, kemm fuq il-formola tal-konferma tal-isem tat-tarbija (Ara Dok. DRP 2) u kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid oriġinali tal-minuri Elten bin-numru 3040/2009, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. DRP 3;

3. Illi kwindi ġjaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li t-talbiet attriċi għall-inqas bil-mod kif inhuma proposti għandhom jiġu respinti, u dan mingħajr preġudizzju għal kull eventwali azzjoni taħt l-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili li r-rikorrenti nomine jistgħu jeżerċitaw aktar 'il quddiem;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq espost l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nomine li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2010 li fiha ntalbet u ġiet akkordata korrezzjoni għar-rikors promotur u għalhekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rtira t-tieni u t-tielet eċċezzjoni *stante* li dawn ġew eżawriti in vista tal-korrezzjonijiet, u l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata billi l-minuri dejjem kien magħrufa bħala Elton u mhux Elten kif indikat fiċ-ċertifikat**.** Ma jidhirx pero' illi l-konvenut jaħti għall-iżball (jekk wieħed jista jsejjaħlu hekk) u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------